DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 2 ta' Mejju 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 087/2016

**Lill- :** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet tal-Iskejjel Medji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Doreen Coleiro, George Mifsud u David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Bidla fl-għażla tan-novelli obbligatorji mill-antoloġiji *Arja Friska 1* u *2*

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel Medji huma ġentilment mitluba jgħaddu din iċ-ċirkulari lill-għalliema kollha tal-Malti fl-iskola. L-għalliema tal-Malti huma mgħarrfa li għas-sena skolastika li jmiss, 2016-2017, l-għażla tan-novelli obbligatorji mill-antoloġiji *Arja Friska 1* u *2* ser tinbidel u ser jiddaħħlu novelli ġodda skont kif muri fit-tabella t'hawn taħt.

| **In-novelli obbligatorji b'seħħ minn Settembru 2016** |
|---|
| **Għas-Seba' Sena** |
| *L-Imħatra tal-Ħallelin* ta' Dun Xand Cortis |
| *Il-Ġennien* ta' Ġorġ Borg |
| *Demgħa* ta' Anselm Sciberras |
| *Ġaħan u l-Ġurdien* ta' Ġorġ Mifsud-Chircop |
| **Għat-Tmien Sena** |
| *Ħbub tad-Deheb* ta' Trevor Żahra |
| *Saver Iridha ta' Mosè* ta' Oliver Friggieri |
| *L-Emigrant* ta' Lawrence Mizzi |
| *Wegħda mal-Erwieħ* ta' Lino Psaila |

L-għalliema huma mfakkra li fis-sit **malti.skola.edu.mt** hemm għadd ta' riżorsi marbutin ma' dawn in-novelli ġodda li jinkludu, fost l-oħrajn, karti tat-taħriġ kif ukoll qari rrikordjat tagħhom biex jintużaw fil-klassi. Kull min iħejji xi materjal ieħor b'rabta mat-tagħlim ta' dawn in-novelli u jogħġbu jidher fl-imsemmi sit, jista' jgħaddih lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-kulleġġ tiegħu jew lill-Uffiċjal Edukattiv inkarigat. Kull xogħol mogħti jiġi apprezzat u mtella' f'isem min ikun għamlu.

Huwa importanti ħafna li l-istudenti, barra li jieħdu gost u jifhmu l-ġrajja ta' novella, jitgħallmu jibdew jistħarrġu kemm il-karattri ewlenin kif ukoll dawk sekondarji tan-novella, in-nisġa tal-istorja u kif din tinħadem mill-awtur, il-lessiku li jintuża u l-effetti li dan ikollu fuq il-qarrejja. Importanti wkoll li l-istudenti jitgħallmu jagħrfu l-isfond li fih iseħħ kollox u jaslu biex jagħtu l-kummenti u r-reazzjonijiet tagħhom għal dak li jkunu qraw. Dan barra li jidraw jużaw għadd ta' strateġiji tal-qari, fosthom kif jaqraw jgħajtu, b'ritmu mexxej u li jinstema' quddiem udjenza; kif jużaw

l-intonazzjoni u l-waqgħat ta' leħinhom b'mod xieraq, u kif jinterpretaw tajjeb is-sinjali tal-punteġġjatura.

Min ikun jeħtieġ aktar tagħrif jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment tal-Kulleġġ tiegħu jew lill-Uffiċjal Edukattiv inkarigat mill-Kulleġġ.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**